Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

13 ta' Marzu 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sitt Direttiva tal-VAT — Eżenzjonijiet — Artikolu 13A(1)(b) — Provvista ta' oġġetti — Provvista ta' mediċini ċitostatiċi għat-trattament ta' 'out-patients' — Provvisti mogħtija minn persuni taxxabbli differenti — Artikolu 13A(1)(ċ) — Provvista ta' kura medika — Mediċini preskritti minn tabib li jeżerċita f'kapaċità indipendenti fl-isptar — Tranżazzjonijiet relatati mill-viċin — Provvisti anċillari għall-provvista ta' kura medika — Tranżazzjonijiet fiżikament u ekonomikament inseparabbli"

Fil-Kawża C-366/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Mejju 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Awwissu 2012, fil-proċedura

**Finanzamt Dortmund-West**

vs

**Klinikum Dortmund gGmbH,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, C. G. Fernlund, A. Ó Caoimh (Relatur), C. Toader u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Ġunju 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Klinikum Dortmund gGmbH, minn G. Ritter, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn K. Petersen, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Mölls u C. Soulay, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2013,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2005/92/KE, tat-12 ta' Diċembru 2005 (ĠU L 175M, p. 305, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Klinikum Dortmund gGmbH (iktar 'il quddiem "KD") u l-Finanzamt Dortmund-West (amministrazzjoni fiskali ta' Dortmund-Ouest, iktar 'il quddiem il-"Finanzamt"), dwar ir-rifjut ta' din tal-aħħar li teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") l-immanifatturar u l-provvista ta' mediċini ċitostatiċi għat-trattamenti kontra l-kanċer mogħtija fl-isptar operat minn KD.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 5(1) tas-Sitt Direttiva huwa fformulat kif ġej:

"'Provvista ta' oġġetti' tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà korporali."

4 L-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"'Provvista tas-servizzi' tfisser kull operazzjoni li ma tikkostitwix provvista ta' oġġetti skond it-tifsira tal-Artikolu 5.

[...]"

5 Skont l-Artikolu 12(3)(a) tal-imsemmija direttiva:

"Ir-rata standard [tal-VAT] għandha tkun iffissata minn kull Stat Membru bħala persentaġġ ta' l-ammont taxxabbli u għandha tkun l-istess għall-provvista ta' l-oġġetti u għall-provvista ta' servizzi. [...]

[...]

L-Istati Membri jistgħu wkoll japplikaw jew rata mnaqqsa waħda jew żewġ rati mnaqqsin. Dawn ir-rati [mnaqqsa] għandhom jiġu ffissati bħala perċentaġġ tal-ammont taxxabbli, li ma jistax ikun inqas minn 5 %, u għandu japplika biss għall-provvisti tal-kategoriji ta' l-oġġetti u tas-servizzi speċifikati fl-Anness H.

[...]"

6 L-Artikolu 13A(1)(b) u (ċ) tas-Sitt Direttiva jipprovdi dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijet oħrajn tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jeżentaw li ġejjin taħt kondizzjonijet li huma għandhom jistabilixxu għal skopijiet biex jassiguraw l-applikazzjoni korretta u ċara tat-tali eżenzjonijet u tal-prevenzjoni ta' kawlunkwe evażjoni, evitar jew abbuż possibbli:

[...]

(b) [kura b'soġġorn fi] sptar u kura medika u attivitajiet relatati mill-viċin mmexxija minn entitajiet regolati mid-dritt pubbliku jew, taħt kondizzjonijet soċjali komparabbli għal dawk applikati lill-entitajiet regolati mid-dritt pubbliku, mill-isptarijiet, ċentri għat-trattament mediku jew dijanjosi u stabblimenti oħrajn ta, natura simili rikonoxxuti regolarment;

(ċ) id-disposizzjonijiet [il-provvista] tal-kura medika fl-eżerċizzju tal-professjonijet mediċi u paramediċi kif definiti mill-Istat Membru konċernat;"

7 L-Artikolu 13A(2)(b) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Il-provvista ta' servizzi jew oġġetti m'għandhomx jagħtu eżenzjoni kif pprovduti f'(1) (b), (g), (h), (i), (l), (m) u (n) fuq jekk:

— m'huwiex essenzjali għat-transazzjonijiet eżenti,

— l-iskop bażiku tiegħu hi li tikseb id-dħul addizzjonali għall-organizzazzjoni billi twettaq transazzjonijet li huma b'kompetizzjoni diretta ma' dawk l-impriżi responsabbli [għall-VAT]."

8 Taħt il-kategorija 3 tal-Anness H tal-imsemmija direttiva, li tinkludi l-lista ta' provvisti ta' oġġetti u provvisti ta' servizzi li jistgħu jkunu suġġetti għal rati mnaqqsa ta' VAT, jinsabu b'mod partikolari l-prodotti farmaċewtiċi li normalment jintużaw għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni ta' mard u għat-trattament ta' skopijiet mediċi.

*Id-dritt Ġermaniż*

Il-Liġi tal-2005 dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ

9 L-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1)(1) tal-Liġi tal-2005 dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ (Umsatzsteuergesetz 2005, BGBl. 2005 I, p. 386, iktar 'il quddiem l-"UStG") tipprevedi li "l-provvista ta' oġġetti u servizzi oħra, li kummerċjant, matul in-negozju tiegħu, jagħmel b'titolu oneruż ġewwa l-pajjiż", huma suġġetti għall-VAT.

10 Skont l-Artikolu 3(1) tal-UStG, il-provvista mwettqa minn kummerċjant għandha tinftiehem bħala "provvisti li permezz tagħhom huwa jew terza persuna awtorizzata minnu jintitolaw lir-reċipjent jew terza persuna awtorizzata minnu jbiegħ oġġetti għan-nom tiegħu (trasferiment tal-poter li jbiegħ)".

11 L-Artikolu 3(9) tal-UStG jippreċiża li l-provvisti l-oħra huma "tranżazzjonijiet li ma jikkostitwixxux provvista ta' oġġetti".

12 L-Artikolu 4(14) tal-UStG jipprevedi li huma eżentati mill-VAT:

"it-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-prattika tal-professjoni ta' tabib, dentist, prattikant ta' naturopatija, fiżjoterapista, (kinesiterapista), qabla jew minn kwalunkwe attività professjonali medika analoga fis-sens tal-Artikolu 18(1)(1) tal-[Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul (Einkommensteuergesetz)] jew spiżjar kimiku.

Il-provvisti l-oħra ta' komunitajiet li l-membri tagħhom jappartjenu għall-professjonijiet deskritti fl-ewwel sentenza huma wkoll eżentati fir-rigward tal-membri tagħhom sa kemm dawn il-provvisti jintużaw direttament sabiex jitwettqu tranżazzjonijiet eżentati skont l-ewwel sentenza [...]"

13 Skont l-Artikolu 4(16)(b) tal-UStG, huma wkoll eżentati mill-VAT:

"it-tranżazzjonijiet relatati mill-viċin [...] mal-operat ta' sptarijiet meta [...]

(b) matul is-sena kalendarja preċedenti, l-isptarijiet jissodisfaw [...] il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 67(1) jew (2) tal-Kodiċi tat-Taxxa [...]"

14 L-Artikolu 67 tal-Kodiċi tat-Taxxa (Abgabenordnung, BGBl. 2002 I, p. 3866 u BGBl. 2003 I, p. 61) imsemmi fl-Artikolu 4(16)(b) tal-UStG, jirrigwarda l-attivitajiet li jibbenefikaw minn tnaqqis fit-taxxa ("Steuerbegünstigte Zwecke"), jiġifieri l-attivitajiet li għandhom għan ta' utilità pubblika, karitattiv jew reliġjuż. L-impriżi kummerċjali li jkollhom tali għanijiet, huma, taħt ċertu kundizzjonijiet, meqjusa bħala impriżi li jeżerċitaw attività ekonomika b'għan partikolari li jagħti dritt għal vantaġġi fiskali ("Zweckbetrieb"). L-Artikolu 67 tal-Kodiċi tat-Taxxa jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom, din is-sistema tapplika għall-isptarijiet.

15 Taħt it-Taqsima 100 tal-Linji gwida tal-2005 dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (Umsatzsteuerrichtlinien 2005, BGBl. 2004 I, numru speċjali 3/2004), dawn jipprovdu, b'mod partikolari, dan li ġej fir-rigward tat-"tranżazzjonijiet relatati mill-viċin" mal-kura b'soġġorn fi sptar u l-kura medika:

"1) Huma meqjusa relatati mill-viċin mal-operat tal-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 4(16) tal-UStG, it-tranżazzjonijiet li, skont l-użanzi, huma karatteristiċi u indispensabbli, iseħħu regolarment u ġeneralment fil-kuntest ta' operat ta' kuljum u huma direttament jew indirettament relatati ma' dan tal-aħħar [...]. Dawn it-tranżazzjonijiet ma jistgħux ikunu ddestinati essenzjalment sabiex jipprovdu lil dawn l-istabbilimenti bi dħul addizzjonali permezz ta' attivitajiet imwettqa b'kompetizzjoni diretta mat-tranżazzjonijiet taxxabbli ta' impriżi oħra. Konsegwentement, tali provvisti ma jibqgħux eżentati mit-taxxa taħt l-Artikolu 4(16) tal-UStG, peress li provvista kumparabbli hija taxxabbli taħt l-Artikolu 4(14) tal-UStG.

[...]

3) Huma esklużi b'mod partikolari tranżazzjonijiet relatati mill-viċin:

[...]

3. il-provvisti ta' mediċini minn spiżerija tal-isptar lil istituzzjoni li ma hijiex dik [li tamministra] l-isptar [...] kif ukoll il-provvista, bi ħlas, ta' mediċini lil dipartimenti li jagħtu kura 'out-patient' awtorizzata mill-isptar, lil polikliniċi, lil ċentri ta' kura 'out-patient', lil ċentri soċjopedjatriċi – sakemm ma jkunux, f'dawn il-każijiet, tranżazzjonijiet interni mhux taxxabbli tal-istituzzjoni li tamministra l-ispiżerija tal-isptar ikkonċernata – u lil spiżeriji pubbliċi.

4. l-għoti lil pazjenti, mid-dipartimenti tal-isptar li jagħtu kura 'out-patient' awtorizzati, ta' mediċini intiżi li jintużaw direttament matul it-trattament 'out-patient', kif ukoll l-għoti ta' mediċini, mill-ispiżeriji tal-isptar lil pazjenti, għat-trattament 'out-patient' fl-isptar.

[...]"

Il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali

16 L-Artikolu 116 tal-Ktieb V tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali (iktar 'il quddiem is-"SGB V") jipprevedi:

"Bil-qbil tal-istituzzjoni li tamministra l-isptar, it-tobba tal-isptar li jkunu temmew b'suċċess taħriġ kontinwu jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kumitat tal-Approvazzjoni (Artikolu 96) jipparteċipaw fit-trattament tal-persuni assigurati għall-mediċina rregolata mill-gvern [...]"

17 L-Artikolu 116a tas-SGB V jipprovdi:

"Fis-setturi ta' ppjanar li fihom il-kummissjoni li tirrappreżenta lit-tobba rregolati mill-gvern u l-fond tal-mard ta' Land [(Landesausschuss der Ärzte und Krankenkassen)] tkun ikkonstatat defiċit ta' provvista ta' trattament, il-Kumitat tal-Approvazzjoni jista', fuq talba tagħhom, jawtorizza lill-isptarijiet awtorizzati sabiex jittrattaw, fil-qasam speċjalizzat ikkonċernat, lill-persuni assigurati għall-mediċina rregolata mill-gvern, sakemm u għal kemm dan ikun neċessarju sabiex jiġi indirizzat dan id-defiċit ta' provvista."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

18 KD hija kumpannija b'responsabbiltà limitata ta' utilità pubblika li tiżgura l-ġestjoni ta' sptar. Matul is-snin 2005 u 2006, hija kellha, b'mod konformi mal-Artikolu 116a tas-SGB V, awtorizzazzjoni li tawtorizzaha tagħti kura "out-patient" apparti l-kura b'soġġorn fl-isptar. Min-naħa tagħhom, it-tobba impjegati minn KD li kienu jipprovdu din il-kura "out-patient" f'dan l-isptar kienu jintervjenu bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni personali mogħtija skont l-Artikolu 116 tas-SGB V.

19 Matul is-snin 2005 u 2006, l-imsemmi sptar laqa' pazjenti milquta mill-kanċer li, hemmhekk, ġew ittrattati bil-kimoterapija. Il-mediċini ċitostatiċi mogħtija lil dawn il-pazjenti kienu jiġu ppreparati għalihom individwalment, abbażi ta' preskrizzjoni, fi ħdan l-ispiżerija tal-isptar. Huwa stabbilit li l-għoti tal-mediċini ċitostatiċi ma kienx suġġett għall-VAT jekk dan iseħħ fl-isptar, għall-kura mogħtija matul soġġorn fl-isptar.

20 Matul dawn l-istess snin, KD ikkunsidrat li l-għoti tal-mediċini ċitostatiċi ppreparati fl-ispiżerija tal-isptar tagħha kien ukoll eżentat mill-VAT peress li t-trattamenti "out-patient" kienu jingħataw minn tobba li jeżerċitaw f'kapaċità indipendenti fl-isptar amministrat minnha. Għall-kuntrarju, il-Finanzamt qies li l-għoti bi ħlas ta' mediċini lil pazjenti milquta mill-kanċer għat-trattamenti "out-patient" li kienu suġġetti għall-VAT sa mis-sena 2005, id-data li fiha daħlet fis-seħħ it-Taqsima 100(3) tal-Linji gwida tal-2005 dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, li hija dispożizzjoni amministrattiva li ma hijiex vinkolanti għall-qrati. Konsegwentement, il-Finanzamt irrettifikat l-istima tat-taxxa ta' KD billi ssuġġettat għall-VAT l-għoti ta' dawn il-mediċini ppreparati fl-ispiżerija tal-imsemmi sptar, iżda tat lil KD d-dritt li tnaqqas it-taxxa tal-input imħallsa.

21 Lil KD inċaħdilha l-ilment li hija ressqet kontra dawn l-istimi tat-taxxa. Għall-kuntrarju, il-Finanzgericht laqgħet ir-rikors tagħha, u dan wassal lill-Finanzamt sabiex tippreżenta rikors għal "Reviżjoni" quddiem il-Bundesfinanzhof, kontra d-deċiżjoni tal-Finanzgericht.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-operazzjoni marbuta mill-qrib għandha tkun provvista ta' servizzi b'mod konformi mal-Artikolu 6(1) tas-Sitt Direttiva [...]?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda: operazzjoni marbuta mill-qrib ma' servizzi ta' sptar jew ma' kura medika teżisti biss meta din l-operazzjoni ssir mill-istess persuna taxxabbli li tipprovdi s-servizzi ta' sptar jew il-kura medika?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda: operazzjoni marbuta mill-qrib teżisti wkoll meta l-kura medika ma tkunx eżenti taħt l-Artikolu 13 A (1)(b) tas-Sitt Direttiva [...], iżda taħt il-punt (ċ) tal-istess dispożizzjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq it-tielet domanda*

23 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li għandha tiġi ttrattata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li provvista ta' oġġetti, bħalma huma l-mediċini ċitostatiċi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, preskritti għal trattament "out-patient" kontra l-kanċer minn tobba li jeżerċitaw f'kapaċità indipendenti fi sptar, tistax tkun eżentata mill-VAT bħala tranżazzjoni relatata mill-viċin ma' provvista ta' kura medika.

24 Applikata għall-kawża prinċipali, id-domanda magħmula twassal sabiex jiġi ddeterminat jekk il-provvista ta' mediċini ċitostatiċi minn KD għat-trattament "out-patient" kontra l-kanċer tistax tiġi eżentata mill-VAT bħala tranżazzjoni relatata mill-viċin ma' kura medika, filwaqt li din tingħata minn tobba li jeżerċitaw f'kapaċità indipendenti fil-bini tal-isptar amministrat minn KD.

25 F'dan ir-rigward, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja u minn informazzjoni pprovduta mill-partijiet fis-seduta jirriżulta li l-kura mogħtija mit-tobba kkonċernati fil-kawża prinċipali, li jaġixxu indipendentement mill-imsemmi sptar iżda ġewwa fih, huma, huma stess eżentati mill-VAT taħt l-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva.

26 Qabelxejn għandu jitfakkar li, hekk kif isostni l-Gvern Ġermaniż, l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13 tas-Sitt Direttiva għandhom jiġu interpretati b'mod strett, peress illi dawn jikkostitwixxu derogi għall-prinċipju ġenerali li jipprevedi li l-VAT għandha tinġabar fuq kull provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas minn persuna taxxabbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 1997, SDC, C-2/95, Ġabra p. I-3017, punt 20; tal-10 ta' Settembru 2002, Kügler, C-141/00, Ġabra p. I-6833, punt 28, u tas-6 ta' Novembru 2003, Dornier, C-45/01, Ġabra p. I-12911, punt 42). Madankollu, l-interpretazzjoni tal-kliem użat f'din id-dispożizzjoni għandha tkun konsistenti mal-għanijiet li dawn l-eżenzjonijiet jippruvaw jilħqu u għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti għas-sistema komuni tal-VAT (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kügler, punt 29, u Dornier, punt 42).

27 Barra minn hekk, din ir-regola ta' interpretazzjoni stretta ma tfissirx li l-kliem użat sabiex jiġu ddefiniti l-eżenzjonijiet stipulati fl-imsemmi Artikolu 13 għandhom jiġu interpretati b'mod li jiċċaħħdu mill-effetti tagħhom (ara b'analoġija, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Future Health Technologies, C-86/09, Ġabra p. I-5215, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 B'hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-għan li titnaqqas l-ispiża tal-kura tas-saħħa u li din il-kura ssir iktar aċċessibbli għall-individwi jinsab kemm fl-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva kif ukoll fl-Artikolu 13A(1)(ċ) (ara s-sentenzi tal-11 ta' Jannar 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, C-76/99, Ġabra p. I-249, punt 23; Kügler, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29; u Dornier, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43). Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' newtralità fiskali jipprekludi, b'mod partikolari, li operaturi li jwettqu l-istess tranżazzjonijiet jiġu ttrattati b'mod differenti fil-qasam tal-ġbir tal-VAT (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kügler, punt 30, u Dornier, punt 44).

29 Minbarra dan, il-kunċetti ta' "kura medika" li jidher fl-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva, u dak ta' "[provvista] tal-kura medika [lill-persuna]" fis-sens tal-Artikolu 13A(1)(ċ) ta' din id-direttiva, huma t-tnejn intiżi sabiex ikopru provvisti li għandhom bħala għan li jagħmlu dijanjosi, li jikkuraw u, sa fejn possibbli, li jfejqu mard jew anomaliji tas-saħħa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Dornier, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-8 ta' Ġunju 2006, L.u.P., C-106/05, Ġabra p. I-5123, punt 27; u tal-10 ta' Ġunju 2010, CopyGene, C-262/08, Ġabra p. I-5053, punt 28).

30 Minn dan jirriżulta li l-provvisti ta' natura medika mwettqa bl-għan li jipproteġu, li jżommu jew li jistabbilixxu mill-ġdid is-saħħa tal-persuni jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 13A(1)(b) u (ċ) tas-Sitt Direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Novembru 2003, Unterpertinger, C-212/01, Ġabra p. I-13859, punti 40 u 41; D'Ambrumenil u Dispute Resolution Services, C-307/01, Ġabra p. I-13989, punti 58 u 59, kif ukoll L.u.P., iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

31 Għaldaqstant, minkejja li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13A(1)(b) u (ċ) tas-Sitt Direttiva għandhom kampijiet ta' applikazzjoni distinti, il-portata ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandha l-għan li tirregola l-eżenzjonijiet kollha tal-provvisti mediċi fis-sens strett (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Kügler, punt 36; L.u.P., punt 26, kif ukoll CopyGene, punt 27).

32 Madankollu, kuntrarjament għall-formulazzjoni tal-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva, il-formulazzjoni tal-Artikolu 13A(1)(ċ) tagħha ma fiha ebda riferiment għal tranżazzjonijiet relatati mill-viċin mall-provvisti ta' kura medika, minkejja l-fatt li din id-dispożizzjoni tiġi eżatti wara dik tal-imsemmi Artikolu 13A(1)(b). Għandu jiġi kkonstatat li, bħala prinċipju, dan l-artikolu ma jikkonċernax tranżazzjonijiet relatati mill-viċin ma' provvisti ta' kura medika u li dan il-kunċett ma għandu ebda rilevanza mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva.

33 F'dak li jikkonċerna l-possibbiltà li tiġi eżentata provvista ta' oġġetti skont din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, apparti l-provvisti żgħar li huma strettament neċessarji fil-mument tal-għoti ta' kura lill-persuna, il-provvista tal-mediċini u ta' oġġetti oħra hija fiżikament u ekonomikament separabbli mill-provvista ta' servizzi u għaldaqstant ma tistax tiġi eżentata taħt l-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Frar 1988, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, 353/85, Ġabra p. 817, punt 33).

34 Minn dan jirriżulta li, sakemm din ma tkunx strettament neċessarja fil-mument tal-għoti tal-kura lill-persuna, provvista ta' mediċini u ta' oġġetti oħra ma tistax tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva.

35 F'dan ir-rigward, hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punti 46 u 47 tal-konklużjonijiet tagħha, wieħed ma jistax jiċħad li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-provvisti ta' kura lill-persuna mwettqa fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' professjoni medika, fis-sens tal-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-sitt Direttiva, minn naħa, u l-provvista tal-mediċini ċitostatiċi, min-naħa l-oħra, jagħmlu parti minn kontinwità terapewtika. Il-provvista ta' mediċini, bħalma huma ċ-ċitostatiċi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-fatt hija indispensabbli fil-mument tal-provvista ta' kura lill-persuna fit-trattament "out-patient" tal-kanċer, peress li fin-nuqqas ta' dan, tali provvista ta' kura ma jkollhiex skop.

36 Madankollu, minkejja din il-kontinwità terapewtika, il-persuni kkonċernati ikkonfermaw matul is-seduta li t-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali jimplika sensiela ta' operazzjonijiet u stadji li, minkejja li huma relatati bejniethom, huma distinti individwalment. Hekk kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punti 48 u 49 tal-konklużjonijiet tagħha, il-pazjent jidher li jibbenefika minn diversi operazzjonijiet, jiġifieri l-għoti ta' kura lill-persuna min-naħa tat-tabib, minn naħa, u l-provvista ta' mediċini mill-ispiżerija tal-isptar amministrat minn DK, min-naħa l-oħra, u dan jippreKludi li dawn jitqiesu bħala fiżikament u ekonomikament inseparabbli.

37 Madankollu, mill-elementi pprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax b'mod ċar li, fil-kawża prinċipali, l-għoti tal-mediċini jista' jitqies li huwa fiżikament u ekonomikament inseparabbli mill-għoti ta' kura medika għal dan it-trattament. Tali konstatazzjoni tkun teħtieġ evalwazzjoni fil-fond tal-kontinwità terapewtika inkwistjoni. Minn din il-perspettiva, hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni li tevalwa l-fatti, li għandha twettaq il-verifiki neċessarji f'dan ir-rigward.

38 Bla ħsara għal dawn il-verifiki, l-għoti tal-mediċini ċitostatiċi, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistax jitqies li huwa eżentat mill-VAT.

39 Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-fatt li l-prodotti farmaċewtiċi jidhru, bħala tali, fil-lista ta' provvisti ta' oġġetti u provvisti ta' servizzi li jistgħu jkunu suġġetti għal rati ridotti tal-VAT, li jidhru fl-Anness H tas-Sitt Direttiva, u għaldaqstant huma, bħala prinċipju, suġġetti għal sistema tal-VAT distinta.

40 Kuntrarjament għal dak li ssostni KD, il-prinċipju ta' newtralità fiskali ma jistax jikkontesta din il-konklużjoni. Kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tagħha, dan il-prinċipju ma jippermettix li l-kamp ta' applikazzjoni ta' eżenzjoni jiġi estiż fin-nuqqas ta' dispożizzjoni li ma hijiex ekwivoka. Fil-fatt, l-imsemmi prinċipju ma huwiex regola tad-dritt primarju li tista' tiddetermina l-validità ta' eżenzjoni, iżda prinċipju ta' interpretazzjoni li għandu jiġi applikat b'mod parallel għall-prinċipju li jipprevedi li l-eżenzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett (ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Deutsche Bank, C-44/11, punt 45).

41 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tielet domanda magħmula għandha tkun li provvista ta' oġġetti, bħalma huma l-mediċini ċitostatiċi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, preskritti għal trattament "out-patient" kontra l-kanċer minn tobba li jeżerċitaw f'kapaċità indipendenti fi sptar, ma tistax tiġi eżentata mill-VAT skont l-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva, sakemm din il-provvista ma tkunx fiżikament u ekonomikament inseparabbli mill-provvista ta' kura medika prinċipali, li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

*Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

42 B'teħid inkunsiderazzjoni tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tielet domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ewwel żewġ domandi.

**Fuq l-ispejjeż**

43 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Provvista ta' oġġetti, bħalma huma l-mediċini ċitostatiċi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, preskritti għal trattament "out-patient" kontra l-kanċer minn tobba li jeżerċitaw f'kapaċità indipendenti fi sptar, ma tistax tiġi eżentata mit-taxxa fuq il-valur miżjud skont l-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva**

**tal-Kunsill 2005/92/KE, tat-12 ta' Diċembru 2005, sakemm din il-provvista ma tkunx fiżikament u ekonomikament inseparabbli mill-provvista ta' kura medika prinċipali, li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.**

Firem